# PROGRAMM LITURĠIKU
# TAL-FESTA TA' KRISTU RE 2009
## Il-Ħadd, 26 ta' Lulju 2009

***Bejn l-Erbgħa, 8 u l-Ħamis, 16 ta' Lulju:***

***7.30pm*** Quddies (fil-ġranet indikati) **bi preparazzjoni** għall-Festa Titulari f'**Żoni Periferjali** għall-Familji li joqgħodu f'l-inħawi ta':

*L-Erbgħa, 8 ta' Lulju*: **Triq ix-Xewk -** Mixja Neokatekuminali
*Il-Ħamis, 9 ta' Lulju*: **Triq il-Liedna –** Kummissjoni Żgħażagħ
*Il-Ġimgħa, 10 ta' Lulju*: **Triq Malvizz** – Grupp Karismatiku "EL SHADDAI"
*It-Tnejn, 13 ta' Lulju*: **Triq il-Ħidma –** Grupp Karismatiku "MARIJA OMM ALLA"
*L-Erbgħa, 15 ta' Lulju*: **Flats tal-Gvern – Triq Ġuze' Damato** – Ċelloli Parrokkjali għall-Evanġelizazzjoni
*Il-Ħamis, 16 ta' Lulju:* **Triq l-Isqof Pietru Pace** - Familja Cachia
**Qabel il-Quddies ikun hemm il-Qrar**

***It-Tlieta, 14 ta' Lulju:*** **JUM IL-MAĦFRA U R-RIKONĊILJAZZJONI**

***9.30am*** Tluq minn quddiem il-Knisja għal **ŻJARA LILL-ANZJANI** li jgħixu f'San Vincenz de Paule Home. Kulħadd hu mistieden partikularment kull min għandu xi ħadd minn qrabatu rikoverat f'din ir-Residenza.

***6.00pm*** ***Knisja Parrokkjali -*** Quddiesa u Ċelebrazzjoni Ewkaristika b'talb għall-fejqan spiritwali, morali u fiżiku animata mill-Gruppi Karizmatiċi tal-Parroċċa.
Jiċċelebra **Rev. Dun Reuben Micallef, Kappillan tal-Parroċċa Santa Lucija, Mtarfa.**

***Il-Ħadd, 19 ta' Lulju:*** **JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

***Il-Quddies ta' matul il-jum ikun fil-ħinijiet tas-soltu, u ssir OMELIJA dwar it-tifsira nisranija tal-Festa.***

***8.00pm*** **Quddiesa Speċjali għaż-Żgħażagħ** fuq iz-zuntier tal-knisja
Imexxi din iċ-Ċelebrazzjoni **Patri Franco Fenech OFM Cap., Kappillan tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.**
Wara jkun hemm attivita' miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ.

***It-Tnejn, 20 ta' Lulju:*** **JUM IL-KOMUNITA' PARROKKJALI**

***6.30pm*** **Quddiesa** għall-bżonnijiet tal-Paroċċa fi żmien il-Festa.
Jiċċelebra l-**Kappillan Rev. Kan. Dun Vincenz Cachia.**
Mistiedna l-Għaqdiet Reliġjużi, Ċiviċi, Soċjali, Kulturali u Politiċi kollha tal-Parroċċa.

***7.30pm*** **Adorazzjoni Solenni** ta' Talb għall-bżonnijiet tal-Parroċċa fi żmien il-Festa.

***8.00pm*** **Ħruġ Solenni ta' l-Istatwa Titulari ta' Kristu Re** għall-qima tagħna fi żmien il-ġranet tal-Festa.

***It-Tlieta, 21 ta' Lulju:*** **JUM IT-TFAL**

***6.00pm*** It-Tfal jinġabru ħdejn il-Qasam tal-Museum tas-Subien, Triq l-Arkata, biex jakkumpanjaw l-istatwa żgħira ta' KRISTU RE sal-Knisja Parrokkjali minn Triq Tramuntana, Triq Ninu Cremona u Pjazza.

***6.30pm*** **Quddiesa** animata mit-tfal stess immexxija mis-Superjuri u s-Soċi taż-żewġ oqsma tal-MUSEUM.
Jiċċelebra **Rev. Dun Vincenz Deguara**
Wara fuq iz-zuntier ikun hemm **attivita' għall-familja** mtella' mill-Kummissjoni Festa Kristu Re

***L-Erbgħa, 22 ta' Lulju:*** **JUM IL-PAWLISTI**

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

***6.30pm*** **Quddiesa** għall-bżonnijiet tal-familji Residenti u dawk il-Pawlisti kollha li llum m'għadhomx jgħixu fil-Parroċċa.
Jiċċelebra l-**Kappillan Rev. Kan. Dun Vincenz Cachia.**
Mistiedna dawk kollha li twieldu u għixu għal xi żmien f'Paola u llum għandhom familja tagħhom u qed jabitaw f'xi lokalita' oħra.
Wara l-Quddiesa titkanta l-Antifona, tingħata l-Barka Sagramentali u nagħlqu bl-Innu popolari.
Imexxi **Rev. Patri Herbert Friggieri SJ**

***Il-Ħamis, 23 ta' Lulju:*** **JUM IL-FAMILJA**

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

***6.30pm*** **Quddiesa** organizzata mill-Kummissjoni Familja.
Mistiedna l-familji kollha li kellhom tarbija matul dawn l-aħħar tnax il-xahar.
*It-trabi kollha preżenti jiġu ppreżentati lil Kristu Re .*
Mistiedna wkoll dawk kollha li matul is-sena qed jiċċelebraw il-25 jew il-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom.
Imexxi din iċ-Ċelebrazzjoni **Rev. Dun Vincenz Deguara**
Wara l-Quddiesa titkanta l-Antifona, tingħata l-Barka Sagramentali u nagħlqu bl-Innu popolari.
Imexxi **Rev. Kan. Dun Mario Agius**

***Il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju:*** **JUM L-ANZJANI**

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

***6.00pm*** **Quddiesa** għall-Morda u l-Anzjani kollha tal-Parroċċa organizzata mill-Kummissjoni Djakonija.
Mistiedna l-Anzjani Pawlisti li jinsabu f'xi Dar Residenzjali tal-Knisja, Stat jew Privat.
Jiċċelebra l-Quddiesa **Rev. Kan. Dun Mario Agius**
Wara l-Quddiesa titkanta l-Antifona, tingħata l-Barka Sagramentali u nagħlqu bl-Innu popolari.
Imexxi **Rev. Dun Tito Sammut**
*Wara l-Funzjoni jkun hemm Bibita għall-Anzjani.*
***Dawk li għandhom bżonn trasport huma mitluba biex javżaw fl-Uffiċċju Parrokkjali kmieni kemm jista' jkun.***

***Is-Sibt, 25 ta' Lulju:*** **LEJLIET IL-FESTA**

***5.45pm*** **Translazzjoni Solenni** bir-Relikwa tas-Salib Imqaddes madwar il-Knisja li tagħti bidu għall-**Quddiesa Solenni Konċelebrata bil-Kant tal-Vespri** bis-sehem tas-Saċerdoti tal-Parroċċa.
Jiċċelebra **Mons Dun Anton Gouder, Pro Vigarju Ġenerali**

***Il-Ħadd, 26 ta' Lulju:*** **JUM IL-FESTA**

***6.30am*** Quddiesa normali ta' nhar ta' Ħadd.
Jiċċelebra **Rev. Dun Tito Sammut**

***8.00am*** Quddiesa mmexxija mill-Grupp Karismatiku.
Jiċċelebra **Rev. Dun Christopher Galea, Kappillan, Parroċċa Lourdes, Paola.**

***9.30am*** **Quddiesa Solenni bis-sehem tal-Kor *Collegium Musicum***
Jiċċelebra r-**Rev. Kan. Dun Vincenz Cachia, Kappillan**

***11.30am*** Quddiesa mmexxija mill-Membri tal-Mixja Neo Katekumenali.
Jiċċelebra **Rev. Patri Robert Grech OCD**
*Fil-Quddies kollu ta' filgħodu jkun hemm Omelija dwar KRISTU RE*

***6.00pm*** **Quddiesa Solenni Konċelebrata bil-kant tal-Vespri** mmexxija mill-
**Eċċ. Tiegħu Mons Silvester C. Magro OFM, Amministratur Appostoliku f'Benghazi, fil-Libya.**
Jinseġ il-Paniġierku **Rev. Patri Martin Mamo OFM, Cap.**

***7.45pm*** **Manifestazzjoni bl-Istatwa Titulari ta' KRISTU RE** li tgħaddi mill-Pjazza, Triq Tarxien, Triq Lampuka, Triq Żabbar u l-Pjazza

***10.30pm*** **Dħul** ta' l-Istatwa Titulari ta' KRISTU RE.
Kant ta' l-Antifona, Konsagrazzjoni tal-Parroċċa u Barka Sagramentali.
Imexxi **Rev. Mons Dun Edgar Attard**

*Matul il-jiem tal-Festa jieħu sehem il-Kor Parrokkjali HALLELUJAH*

***Il-Ħadd, 2 ta' Awwissu:***

***9.30am*** **Quddiesa ta' Ringrazzjament u dħul ta' l-Istatwa Titular fin-niċċa.**
Jiċċelebra **Rev. Kan Dun Vincenz Cachia, Kappillan**

# VIVA KRISTU RE